MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-23 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 329/2012

Il-Pulizija

vs

**Gaetano Gatt**

iben Lawrence, imwieled Pieta' fid-29 ta' Otturbu, 1971, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 5372(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Gaetano Gatt, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b' diversi atti maghmulin mmnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, ghax- xhur ta' Jannar 2012 u Frar 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas li jaghti lil Carol Gatt u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Gunju, 2012 fejn il-Qorti wara rat l-artikoli 338(z) u 18 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta sabet lill- imputat hati u ikkundannatu xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Gaetano Gattipprezentat fil-21 ta’ Gunju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirrevoka u thassar s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u kwindi tilliberah skont il-ligi. Alernattivament u minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tirriforma fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar ekwu ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel u qabel kollox jidher car li l-istess parti leza m'hux biss mhux qed jkun lejali lejn il-fatti, imma b'mod lampanti qed tivvantagja ruhha b'tali mod billi qed timmanipula s-sistema mill-ahjar li tista' a vantagg taghha kontra l-imputat. IIli b'dan il-mod qed taghmel pressjoni biex l-imputat joqghod ghar-rieda taghha liema agir jammonta ghar-'rikatt fin'.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-komportament ta' l-istess parti leza tirrizulta mill-fatt li t-tifel ta' l-istess partijiet kien ilu li beda jahdem ghall-perijodu ta' zmien biex b'hekk l-istess parti leza qed tippretendi manteniment ghat-tifel meta m'hemmx obbligazzjoni f’dan ir-rigward. Illi dan il-komportament jammonta ghall-qerq u l-ewwel Qorti ma apprezzatx il-fatt li qed tigi strumentalizzata f’haga tant sfaccata li meta l-parti leza u cioe’ mart l-akkuzat, indunat li inqabdet, issummat ruhha ghal kollox. Illi dan qed jinghad ghax ma jirrizulta ebda obbligu ta' hlas ta' manteniment la hemm impieg u dhul indipendenti. Illi dan l-agir minn naha tal-parti leza jammonta ghal qerq u l-imputat qed izomm distanza minn din il-pozizzjoni.
Illi, pero’, irrizulta mill-provi li l-istess mart l-akkuzat Carol Gatt kienet letteralment zarmat id-dar matrimonjali waqt li l-akkuzat qieghed il-habs bil-konsegwenza li hi anki konvertiet certi oggetti fi flus. Illi dawn 1-oggetti jiswew hafna flus liema flus hi Carol Gatt zammithom u baqghet fil-muta fuqha. Illi di piu’, l-istess parti leza letteralment ma haditx pjacir bil-fatt li inqabdet li kien hemm accettazzjoni li l-manteniment jithallas mill-flus li irrizultaw mill-oggetti kif ukoll affarijiet li gew konvertiti fi flus stante s-sitwazzjoni prezenti li ghaddej

minnu l-imputat. Illi ghalhekk l-akkuzat altru li onora l-obbligi tieghu b'din is-sistema ta' arrangament liema haga, ghar-ragunijiet taghha, l-ewwel Qorti ma tatx il-piz necessarju tal-evidenza tant rejali fejn l-imputat kellu jigi liberat.

Illi di piu', ghandu jigi sollevat li l-iskop tal-ligi hu biex jigi kawtelat x'jigri jekk ikun hemm l-obbligu tal-hlas ta' manteniment. Illi hawn, l-imputat onora l-obbligi tieghu biex b'hekk l-imputat qed jigi pregudikat b'mod ingust u inaccettabbli meta l-istess parti leza kienet taf li hi fil-fatt kienet qed tigi imhallsa b'dan il-mod u manjiera. Illi f'dan ir-rigward, qed jirrizulta certu nuqqas mill-ewwel Qorti tal-qerq tant lampanti minn naha ta' Carol Gatt u ma ordnatx li jittiehdu proceduri kontriha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2014 Caroline Gatt, il-parte civile, informat lil din il-Qorti li l-appellanti hallas dak kollu dovut, ghal dak li jirrigwarda l-appell de quo.

Illi wiehed mill-aggravji ta' l-imputat appellant hu li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva.
Illi l-fatt li l-imputat appellant hallas dak kollu dovut lil martu ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell fejn tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, tirrevokha u thassarha f'dik il-parti relativa ghal piena fejn l-appellant gie ikkundannat ghal piena ta' xahar prigunerija u minflok tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------